SAN LAWRENZ

**Kunsill Lokali San Lawrenz**

Lil Membri kollha tal-Kunsill

**Laqgħa tal-Kunsill**

Qiegħed tiġi msejjaħ biex tattendi għat-tielet laqgħa tas-seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li ser issir nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju, 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Ezekuttiv***

**Agenda**

1) Talba
2) Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa
3) Korrispondenza
4) Mozzjoni mressqa mis-Sindku
5) Restawr u manutenzjoni tad-diversi "mafkarijiet" li għandna fir-raħal
6) Talba mal-Ministeru konċernat sabiex nerġgħu nagħtu spinta lil *issue* tal-*Housing* f'San Lawrenz
7) Ħtieġa ta' Double Yellow Line fi Triq Ċangura u postijiet oħra
8) Talba lil MCA biex isir *monitoring* tal-*Antennas* preżenti fir-raħal
9) Manutenzjoni ġenerali urġenti tal-Playing Field u l-belvedere Colle Umberto
10) Xogħlijiet pendenti fil-pjazza
11) Għażla tal-kwotazzjoni tal-kompjuter
12) Materji Oħra
13) Approvazzjoni ta' pagamenti
14) Għeluq u data għal-laqgħa oħra

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556 Fax: 21563656*

25 ta' Mejju, 2015

## Mozzjoni 1/7 mressqa mis-Sindku s-Sur Noel Formosa

Peress li fil-lokalità tagħna jinħass il-bżonn urġenti ta' servizzi essenzjali fir-raħal u peress li l-postijiet fejn jistgħu jsiru proġetti simili f' San Lawrenz huwa limitat peress li fil-qalba tar-raħal ma teżistix art jew proprjetà pubblika qed nipproponi sabiex il-Kunsill Lokali b'mod immedjat jibda jaħdem sabiex jakkwista l-art (ħofra) fil-*grounds* tal-iskola biex tkun tista' tintuża għal dan il-għan. Meta jsir l-akkwist nipproponi li l-Kunsill iwettaq il-proġett li jwassal sabiex fl-istess ħofra jibni Ċentru Ċiviku li jkun jikkonsisti f'uffiċċji amministrattivi, għassa, berġa, sala li tintuża mill-Kunsill u mill-għaqdiet tar-raħal u servizzi oħra.

Biex dan il-post ikun dejjem aċċessibbli u biex noħolqu *open space* ieħor fir-raħal nipproponi li tinqala' l-*gate* tal-iskola minn fejn hi preżentament, titnaddaf il-ħamrija li hemm fil-preżent u l-*gate* ssir fid-daħla tal-iskola fejn l-uffiċċju tas-surmast. Id-daħla eżistenti tal-iskola tiġi trasformata fi Triq li tingħata isem fejn isir parkeġġ adekwat u quddiem il-*ground* preżenti ssir latrina pubblika kif ukoll faċilitajiet rikrejattivi għat-tfal u l-familji. Nipproponi wkoll li l-istess proġett jaħseb sabiex joħloq aċċess għall-pubbliku għall-ġnien ta' wara l-iskola biex jintuża bħala ġnien pubbliku (l-ewwel tax-xorta tiegħu) fir-raħal.

Jekk il-Kunsill jaqbel, jista' jibda miexi fuq dawn il-linji u wkoll jaħseb sabiex jakkwista fondi minn entitajiet oħrajn fosthom jekk possibbli proġetti tal-UE.

Noel Formosa
Sindku